Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/1239

29.4.2024

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1239

tat-22 ta' Frar 2024

li jemenda r-Regolament (UE) 2018/196 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dazji doganali addizzjonali fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/196 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Frar 2018 dwar dazji doganali addizzjonali fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

Billi:

(1) B'riżultat tan-nuqqas tal-Istati Uniti li jġibu l-Att dwar il-Kumpens għall-Persistenza tad-Dumping u għaż-Żamma tas-Sussidji ("CDSOA", Continued Dumping and Subsidy Offset Act) f'konformità mal-obbligi tagħhom skont il-ftehimiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("WTO", World Trade Organization), skont ir-Regolament (UE) 2018/196, ġie impost dazju doganali addizzjonali *ad valorem* ta' 4,3 % fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka. F'konformità mal-awtorizzazzjoni tad-WTO biex tiġi sospiża l-applikazzjoni ta' konċessjonijiet għall-Istati Uniti, il-Kummissjoni se taġġusta ta' kull sena l-livell ta' sospensjoni għal-livell ta' tixjin jew ħsara kkawżat mis-CDSOA fuq l-Unjoni f'dak iż-żmien. Fl-2023, il-livell ta' sospensjoni ġie aġġustat għal 0,164 % tad-dazju doganali addizzjonali *ad valorem* u r-Regolament (UE) 2018/196 ġie emendat skont dan ([2]).

(2) L-iżborżi mis-CDSOA għall-aktar sena reċenti li għaliha teżisti *data* disponibbli jirrigwardaw id-distribuzzjoni ta' dazji anti-dumping u kumpensatorji miġbura matul is-Sena Fiskali 2023 (1 ta' Ottubru 2022 - 30 ta' Settembru 2023). Abbażi tad-*data* ppubblikata mill-United States' Customs and Border Protection, il-livell ta' tixjin jew ħsara kkawżat lill-Unjoni huwa kkalkulat li jammonta għal USD 34,98.

(3) Il-livell ta' tixjin jew ħsara u konsegwentement ta' sospensjoni naqas b'mod sinifikanti u huwa negliġibbli. Ir-rata li tirriżulta ta' dazju tal-importazzjoni addizzjonali ta' 0,00002 % ma jkollha l-ebda effett kummerċjali u tirriżulta fi spiża amministrattiva sproporzjonata għall-Unjoni. Ir-rata tad-dazju tal-importazzjoni addizzjonali jenħtieġ għalhekk li tiġi stabbilita għal 0 %.

(4) Sabiex ikun żgurat li ma jkunx hemm dewmien fl-applikazzjoni tar-rata emendata tad-dazju tal-importazzjoni addizzjonali, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2018/196 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2018/196 huwa sostitwit b'dan li ġej, li jifformattja l-asterisk u t-test marbut miegħu fil-forma ta' nota f'qiegħ il-paġna:

([1]) ĠU L 44, 16.2.2018, p. 1.
([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/858 tal-23 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/196 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dazji doganali addizzjonali fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka (ĠU L 111, 26.4.2023, p. 15).

"*Artikolu 2*

Dazju *ad valorem* ta' 0 % addizzjonali għad-dazju doganali applikabbli skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) għandu jiġi impost fuq il-prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

_____

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1)."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Mejju 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Frar 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN